**171. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor. Lawrene Gonzi jipproponi:-**

Illi fis-Seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 2001 (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (a)), din id-Dikjarazzjoni u x-Xogħol li jista' jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieġ, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 9 – ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol; u li d-Dikjarazzjoni tkun ukoll eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 49 - Limiti ta' żmien għad-diskorsi; u

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra, jekk id-Dikjarazzjoni Finanzjarja ssir il-Ħamis, sew filgħodu, kif ukoll filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern; u l-aġġornament ma jitteħidx.

13.11.2000